Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-20 ta' Jannar 2025**

**Kump. Nru. 630/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Versus**

**Omissis**

**Madeline Cuschieri**
**(0062090M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Madeline Cuschieri** detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0062090M,

U Omissis:

F'isem ir-Repubblika ta' Malta akkuzati flimkien talli, b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' talli :

Nhar is-7 ta' Awwissu 2024 u/jew fil-granet u/jew gimghat ta' qabel din id-data, f'diversi bnadi f'dawn il- Gzejjer Maltin:

1. Xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom u jmexxuhom.

Lil **Omissis** wahdu akkuzat talli, nhar is- 7 ta' Awwissu 2024 u/jew fil-granet u/jew gimghat ta' qabel din id- data b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi , u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' talli gewwa Trejqet ix-Xilep gewwa x-Xghajra u/jew f'bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin:

2. Ikkommetta serq ta' flus u/jew oggetti, liema serq huwa aggravate bil-mezz u valur liema valur tal-haga misruqa ma kienx izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan sar ghad-detriment ta' Aaron Paul Mifsud u/jew ta' xi persuna/i u9/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra.

3. U aktar tali fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma kienetx tiskorri l-mitejn u hamsin Ewro (€250) u dan sar ghad-detriment ta' Aaron Paul Mifsud u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra.

4. U aktar talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus u/jew oggetti, liema serq huwa aggravat bil-mezz u valur liema valur tal-haga misruqa ma kienx izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan sar ghad-detriment ta' Adolph Micallef u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra.

5. U aktar talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus u/jew oggetti, liema serq huwa aggravate bil-mezz u valur, liema valur tal-haga misruqa ma kienx izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan sar ghad-detriment ta' Etienne Mizzi u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra.

6. U aktar talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi ikkommetta serq ta' flus u/jew oggetti, liema serq huwa aggravat bil-mezz, lok u valur liema valur tal-haga misruqa ma kienx izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan sar ghad-detriment ta' John Zerafa u/jew ta' xi persuna/i jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra.

7. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus u/jew oggetti, liema serq huwa aggravate bil-mezz u valur liema valur tal-haga misruqa ma kienx izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan sar ghad-detriment ta' Vincent Bondin u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra.

8. U aktar talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, saq vettura bil-mutur jew vettura ohra minghajr licenzja tas-sewqan.
9. U aktar talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, uza vettura bil-mutur minghajr ma kellu fis-sehh polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

10. U aktar talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, wettaq reat waqt li kien qieghed that perjodu operattiv ta' sentenza sospiza li nghatat lilu nhar l- 14 ta' Mejju 2024 mill-Magistrat Dott. Lara Lanfranco LL.D.

11. Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat Omissis bhala li hu recediv ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

U lil **Madeline Cuschieri** wahedha f'isem ir-Repubblika ta' Malta akkuzata ukoll talli, bir-reat imsemmi fl-ewwel imputazzjoni:

12. Wettqet reat waqt li kienet qieghda that perjodu operattiv ta' sentenza sospiza li nghatat lilha nhar l-14 ta' Mejju 2024 mill-Magistrat Dott. Lara Lanfanco LL.D.

F'kaz ta' htija ghar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew ghal wiehed biss jew ghal uhud minnhom, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex thaddem kontra l-hatja d-disposizzjoni tal-artikolu 15A tal-Kodici Kriminali, u dan minbarra li tinfliggi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-ligi.

F'kaz ta' htija ghar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew ghal wiehed biss jew ghal uhud minnhom, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex thaddem kontra l-hatja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, u dan minbarra li tinfliggi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-ligi;

F'kaz ta' htija, barra mili tapplika l-piena skont il-ligi, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' tal-partijiet lezi;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi l-imputata, fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2025, irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata, debitament assistita mill-konsulent legali taghha tenniet li hija hatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghatat zmien xieraq sabiex jekk irid terga' lura minnha.

Illi l-imputata regghet tenniet ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata taghha, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputata hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni ta' l-imputata, kif ukoll illi l-imputata ilha tinzamm taht arrest preventiv mid-9 t'Awwissu 2024.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat Artikolu 7, 8, 28B, 285 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta **qed issib lill-imputata Madeline Cuschieri hatja ta' l-akkuzi numru wiehed (1) u numru tnax (12) migjuba kontriha u qed tikkundannaha ghal-tlett (3) xhur prigunerija effettiva.**

Illi l-Qorti ai termini ta' l-**Artikolu 28B(2)(b) qed tordna ukoll, illi l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza** moghtija fil-konfront tal-hatja

Madeline Cuschieri fl-14 ta' Mejju 2024 (as per Magistrat Dr Lara Lanfranco) **ghandu jigi estiz ghal sena (1) millum.**

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti **qed torda lil hatja Madeline Cuschieri ghal hlas ghas-somma ta' elfejn sebgha mija u disgha u ghoxrin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€ 2,729.52) rappresentanti spejjez peritali.**

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**